REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/350

tal-25 ta' Frar 2021

li jemenda għat-318-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fid-19 ta' Frar 2021, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi żewġ entrati mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-assi u tar-riżorsi ekonomiċi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President

Id-Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja,
is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

([1]) ĠU L 139 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni fiżika" jitħassru:

(1) "Said Ben Abdelhakim Ben Omar Al-Cherif (kitba oriġinali: سعيد بن عبد الحكيم بن عمر الشريف) (psewdonimu affidabbli: (a) Cherif Said (Data tat-twelid: 25.1.1970; post tat-twelid: it-Tuneżija); (b) Binhamoda Hokri (Data tat-twelid: 25.1.1970; post tat-twelid: Sosa, it-Tuneżija); (c) Hcrif Ataf (Data tat-twelid: 25.1.1971; post tat-twelid: Solisse, it-Tuneżija); (d) Bin Homoda Chokri (Data tat-twelid: 25.1.1970; post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija); (e) Atef Cherif (Data tat-twelid: 12.12.1973; post tat-twelid: l-Alġerija); (f) Sherif Ataf (Data tat-twelid: 12.12.1973; post tat-twelid: Aras, l-Alġerija); (g) Ataf Cherif Said (Data tat-twelid: 12.12.1973; post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija); (h) Cherif Said (Data tat-twelid: 25.1.1970; post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija); (i) Cherif Said (Data tat-twelid: 12.12.1973; post tat-twelid: l-Alġerija); psewdonimu mhux affidabbli: (a) Djallal; (b) Youcef; (c) Abou Salman; (d) Said Tmimi). Data tat-twelid: 25.1.1970. Post tat-twelid: Manzil Tmim, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Nru tal-Passaport M307968 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-8.9.2001, skada fis-7.9.2006). Indirizz: Corso Lodi 59, Milan, Italy. Informazzjoni oħra: (a) Isem l-omm huwa Radhiyah Makki; (b) Deporat mill-Italja lejn it-Tuneżija fis-27.11.2013. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 12.11.2003."

(2) "Emrah Erdogan (psewdonimu (a) Imraan Al-Kurdy, (b) Imraan, (c) Imran, (d) Imran ibn Hassan, (e) Salahaddin El Kurdy, (f) Salahaddin Al Kudy, (g) Salahaddin Al-Kurdy, (h) Salah Aldin, (i) Sulaiman, (j) Ismatollah, (k) Ismatullah, (l) Ismatullah Al Kurdy). Data tat-twelid: 2.2.1988. Post tat-twelid: Karliova, it-Turkija. Indirizz: Il-ħabs ta' Werl, il-Ġermanja (minn Mejju 2015). Nazzjonalità: Ġermaniża. Nru tal-Passaport BPA C700RKL8R4 (identifikazzjoni nazzjonali Ġermaniża maħruġa fit-18 ta' Frar 2010, skada fis-17 ta' Frar 2016). Informazzjoni oħra: (a) Deskrizzjoni fiżika: għajnejn kannella, xagħar kannella, mibni: B'saħħtu, piż: 92 kg, tul: 176 cm, għazza fuq id-dahar fuq il-lemin. (b) Isem l-omm: Emine Erdogan. (c) Isem il-missier: Sait Erdogan."